Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 281/2019

Il-Pulizija
(Spettur Gabriel Micallef)

Vs

Adam Vella

Illum 25 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Adam Vella detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 122383M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fis-7 ta' Frar 2015 u f'dawn l-aħħar snin, fil-Marsa u/jew f'bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx

bil-licenzja jew xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija hiet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Settembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputat **Adam Vella** hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati jhallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura f'dawn il-proċeduri u cioe` l-ispejjez relatati mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€165.20), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien xahar mil-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. GM 1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in ġudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Adam Vella, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellanti minn l-akkuza ta' pussess aggravat u fin-nuqqas timponi piena inqas harxa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Adam Vella huma s-segwenti u cioè:-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi. Illi huwa minnu li taht cirkostanzi normali, il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax dak l-apprezzament li jkun sar minn l-Ewwel Qorti, izda jekk jirrizulta li tali apprezzament kien wiehed skorrett, allura mbaghad dina l-Qorti ghandha tissindika hi l-provi mill-gdid. F'dan il-kaz, l-esponenti jirritjeni li l-apprezzament kien wiehed manifestament skorrett u ghalhekk l-esponenti jqis li dina l-Qorti ghandha terga' tivvaluta l-provi mill-gdid;

L-Ewwel Qorti tghid fil-konsiderazzjonijiet taghha, li kien inverosimili li l-appellanti sab il-pakkett kontenenti seba' [7] qratas tal-kokaina b'piz ta' circa 35 gramma barra hekk waqt li mar jaghmel il-bzonnijiet tieghu ghaliex dina d-droga tiswa l-flus u ma huwiex meqjus li xi hadd ser jarmiha barra;

Illi l-esponenti kif anke xehdu Scerri u Spagnol li kienu mieghu mhux jikkontesta l-pussess semplice in kwantu huwa mill-ewwel, anke a tempo vergine jghid li l-pakketti ssuspetta x'fihom, gabarhom mnejn il-karrijiet tal-karnival u kif ra l-Pulizija remihom

mill-vettura li kien qed isuq. L-appellanti pero' jghid li huwa qatt ma kellu u anqas seta' jkollu xi intenzjoni li jispacca din id-droga u dana ghaliex minkejja li gabar dawn il-boroz, il-forma mentis tieghu waqfet hemm u ma kellu ebda hsieb iehor;

Illi b'rispett ir-ragunament tal-Ewwel Qorti kien wiehed pjuttost pro-prosekuzzjoni u dana ghaliex hija ghazlet li tiskarta kompletament ragunament sollevat mid-difiza u li rrizulta mill-provi. Id-difiza sahqet li huwa importanti li wiehed iqis il-fatt li hekk kif telqu mnejn il-karrijiet tal-karnival, wara trapass ta' ftit hin il-vettura tal-esponenti mill-ewwel bdiet tigi segwita mill-Pulizija. Illi l-vettura twaqqfet fi triq fil-Marsa filghodu waqt gurnata tax-xoghol. Illi huwa inverosimili li l-vettura tal-Pulizija tad-droga b'kumbinazzjoni *waqghet mis-sema* u qabdet tintercetta l-vettura misjuqa minn l-appellanti. Illi li huwa verosimili huwa li d-droga ma kinitx mormija kif argumentat l-Ewwel Qorti biex skreditat lill-esponenti izda li xi hadd **kien heba d-droga fejn kien sabha l-esponenti**. Illi min heba dina d-droga, kif appena sar jaf u ntebah li dina kienet ingabret minn l-esponenti gharraf lill-Pulizija tad-Drug Squad. Illi b'rispett ma jistax ikun hemm verzjoni ohra ta' kif graw l-affarijiet jekk mhux dina li dejjem sahaq dwarha l-esponenti;

Illi ghalhekk jinghad li l-element rikjest sabiex jigi pruvat il-pussess aggravat f'dan il-kaz ma jezistix u l-esponenti kellu jigi misjub hati biss ta' pussess semplici kif dejjem sahaq huwa;

2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-piena u qed jinghata minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju f'kaz li dana ma jkunx akkolt. Illi dan il-kaz sehh aktar minn erba' snin ilu. L-esponenti ftit li xejn kellu affarijiet serji mal-gustizzja u l-akkuzi li nstab hati taghhom fl-imghoddi kienu aktar tal-bluha milli b'agir reituz. Illi llum il-gurnata l-appellanti jahdem u ghandu min jiddependi fuqu u minnu ghall-ghixien. Illi l-minimu ta' piena ghal dina t-tip ta' akkuza huwa ta' sitt xhur prigunerija u ghalkemm dana l-ammont ta' habs ukoll *ikisser* hajjet l-appellanti, wiehed ghandu jikkunsidrah. Illi s-socjeta' ma hija ser tigwadanja xejn jekk Adam Vella jmur il-habs, inkwantu l-esponenti

llum jinsab kompletament fit-triq it-tajba u ghalhekk ghandu zgur jinghata opportunita’ ohra.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00am) PC 899 Paul Vella u PC 626 Giancarlo Bennetti lemhu vettura ghaddejja fi Triq it-Tromba fil-Marsa. PC 899 Jean Paul Vella xehed li din il-vettura kien fiha tlett persuni u kif rawhom, saqu kemm kemm bis-sahha. PC 626 Giancarlo Bennetti jixhed li l-kollega tieghu x'hin raw il-vettura ghaddejja kontra taghhom qallu biex idawwar ghax ma ghogbuh xejn. Saqu warajhom u lemhu l-passiggier ta' quddiem hiereg minn gol-haxix u diehel lura fil-vettura;

2. Jirrizulta li f'din il-vettura kien hemm l-imputat li kien ix-xufier u kien hemm zewg guvintur ohra certu Kyle Spagnol u Isaac Scerri. Jirrizulta illi kien Isaac Scerri[1] li niezel mill-vettura wara li l-akkuzat li waddab xi haga mit-tieqa u talbu jmur jirrangaha;

3. L-appellant minn naha tieghu jghid li kien sab din il-borza li ghalkemm induna li kien fiha l-kokaina u li huwa ma jabbuzax minnha, l-istint tah li jigborha u jpoggiha fil-but. Illi hekk kif ra lil Pulizija talab lil passiggier Isaac biex jarmiha u baqa jhares lejh u ghalhekk qabad u remiha minn got-tieqa tan-naha tal-passiggier;

4. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-appell tal-akkuzat huwa principarjament ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa kif issottometta l-appellant, taht cirkostanzi normali, il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax dak l-apprezzament li jkun sar minn l-Ewwel Qorti, izda jekk jirrizulta li tali apprezzament kien wiehed skorrett, allura imbaghad l-Qorti

[1] PC899 Jean Paul Vella u PC 626 Giancarlo Bennetti fix-xhieda taghhom jirreferu ghalih bhala 'Isaac Schembri' izda mix-xhieda ta' Isaac jirrizulta li kunjomu 'Scerri'.

ghandha tissindika hi l-provi mill-gdid. Skont l-appellant l-apprezzament kien wiehed manifestament skorrett u ghalhekk l-appellant iqis li din il-Qorti ghandha terga tivaluta l-provi mill-gdid.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[2]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[3]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [4]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6]" u ohrajn.'* (Emfazi u sottolinear mizjud u d-dati tas-sentenzi jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat ukoll:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"[7], inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 1989;
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994;

*bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".* (Id-data ta' din is-sentenza tinsab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

L-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti tghid li kien inverosimili li l-appellanti sab il-pakkett kontententi seba' qratas tal-kokaina b'piz ta' cirka 35 gramma barra hekk waqt li mar jaghmel il-bzonnijiet tieghu ghaliex din id-droga tiswa l-flus u ma huwiex meqjus li xi hadd ser jarmiha barra. L-appellant mhuwiex jikkontesta l-pussess semplici, li anke a *tempo vergine* jghid li l-pakketti ssuspetta x'fihom, gabarhom mnejn il-karrijiet tal-karnival u kif ra l-Pulizija remihom mill-vettura li kien qed isuq. L-appellant jghid li qatt ma kellu u anqas seta' jkollu xi intenzjoni li jispacca dik id-droga u dana ghaliex minkejja li gabar dawn il-boroz, il-forma mentis tieghu waqfet hemm u ma' kellu ebda hsieb iehor. Skont l-appellant ir-ragunament tal-Ewwel Qorti kien pjuttost pro-prosekuzzjoni u dana ghaliex hija ghazlet li tiskarta kompletament ragunament sollevat mid-difiza u li rrizulta mill-provi. Id-difiza sahqet li huwa importanti li wiehed iqis il-fatt li hekk kif telqu mnejn il-karrijiet tal-karnival, wara trapass ta' ftit hin, il-vettura tal-appellant mill-ewwel bdiet tigi segwita mill-Pulizija. Jissottometti li l-vettura twaqqfet fi Triq il-Marsa filghodu waqt gurnata tax-xoghol. Li huwa inverosimili li l-vettura tal-pulizija tad-droga b'kumbinazzjoni waqghet mis-sema' u qabdet tintercetta l-vettura misjuqa mill-appellant. Jissottometti li huwa verosimili li d-droga ma kinitx mormija kif argumentat l-Ewwel Qorti biex skreditat lill-appellant izda li xi hadd kien heba' d-droga fejn kien sabha l-appellant. Li minn heba dina d-droga, kif appena sar jaf u ntebah li dina kienet ingabret minn l-appellanti gharraf lill-Pulizija tad-Drug Squad. B'rispett ma jistax ikun hemm verzjoni ohra ta' kif graw l-affarijiet jekk mhux dina li dejjem sahaq dwarha l-appellant. Ghalhekk gie sotttomess li l-element rikjest sabiex jigi pruvat il-

pussess aggravat f'dan il-kaz ma jezistix u l-appellant kellu jigi misjub hati biss ta' pussess semplici kif dejjem sahaq huwa.

Din il-Qorti sejra tqis il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti biex tiddeciedi jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija ta' pussess aggravat. PC 899 Jean Paul Vella fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00am) raw vettura Toyota GAT 759 fil-Marsa, Triq Tromba. Kif rawha, kien hemm tlett minn nies go fiha u x'hin rawhom saqu kemm kemm bis-sahha. Saqu ghal warajhom u mill-boghod ra persuna hierga u jpoggi xi haga fil-haxix. Spjega li din il-vettura waqfet u pparkjat u marru warajhom u mill-boghod harget persuna tpoggi xi haga gol-haxix. Kif waslu, ghalih kien tifel, ma jafx kemm kellu zmien imma xi tnax (12) jew tlettax (13) kellu. Spjega li kienu hu u l-kollega tieghu PC 626. Spjega li x'hin il-vettura waqfet fejn hemm qisu kanal bl-ilma l-Marsa u pparkja hemm. Marru ghal warahom u waqfu warajhom ezatt. L-imputat kien fil-vettura bhala xufier. Quddiem bhala passigier kien hemm Isaac Schembri[8] li hareg mill-vettura filwaqt li fuq wara kien hemm tifel iehor bl-isem ta' Kyle Spagnol. Meta waqfu, Isaac Scerri kien ghadu barra l-vettura. Kif ra hekk mar ifittex mill-ewwel gol-haxix u kien hemm borza trasparenti li kien hemm diversi boroz go fiha bi trab abjad. Kif raw hekk taw il-caution u gew arrestati. Dan kien ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00am) jew hdax u ghoxrin (11:20am). It-tifel li kien barra infaqa jibki mill-ewwel u qabad jghidilhom li ma kinitx tieghu u li s-sinjur talbu biex ipoggiehielu fil-haxix. It-tifel li kien fuq wara kkonferma dan li qal it-tifel l-iehor. L-imputat kien qalilhom li t-tfal ma ghandhomx x'jaqsmu. In kontro ezami it-twegiba ghal mistoqsija jekk kien b'karozza pajzana, ma hargitx fit-traskrizzjoni. Ikkonferma li l-persuna li ra hierga mill-karozza mhiex fl-awla. Ikkonferma li Vella kkopera maghhom u li Vella ma fixkilhomx fl-investigazzjoni taghhom. PC 626 Giancarlo Bennetti xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta'

[8] Ghalkemm dan ix-xhud jirreferi ghal 'Isaac Schembri' jirrizulta mix-xhieda tieghu li l-kunjom huwa 'Scerri'

Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) u spjega ukoll li fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tal-hdax u ghoxrin (11:20am) kienu qed jaghmlu xoghol ta' ronda flimkien ma PC 899 fl-akkwati tal-Marsa u kif ghaddew fejn l-open Centre, tghaddi vettura bil-kontra taghhom u l-kollega tieghu qallu '*dawwar dawwar ghax m'ghogbuni xejn dawn.*' Sakemm dawwar, lehqu ziedu fl-ispeed, kien fiha xi tlett min-nies fiha maskili. Din kienet Toyota jekk mhux sejjer zball. Spjega li sakemm dawwar lahqu ziedu naqra l-ispeed u kien hemm dahla li taghti ghall-Millenia u kif daru ghal hemm, sabuhom weqfin u l-passiggier ta' quddiem hiereg minn go xi haxix u diehel ghall-vettura. Zammewjhom fuq suspett li kienu ghamlu xi reat jew xi haga u waqfuhom. Il-kollega tieghu PC 899 mar jiccekkja f'dik l-area u eleva borza b'xi sustanza bajda fiha. Infurmawhom li kienu taht arrest fuq din il-bicca xoghol. Ix-xuffier kien Adam Vella li gharaf fl-awla, kien hemm Isaac Scerri li kien *front passenger* li ra hiereg minn gol-haxix tiela gol-vettura u l-iehor kien Kyle Spagnol li baqa' dejjem fil-vettura fuq wara. Tawhom id-drittijiet u sa dan it-tant it-tifel ta' quddiem kif qalulu li arrestat infaqa' jibki. Dan kellu xi hmistax (15) jew sittax (16)-il sena. L-imputat qallu li kien sabha x'imkien, li mar jaghmel '*toilet*' u sabha f'xi trailers fejn il-kumpanija tas-Soldini u li kif kien qed isuq u ra lilhom, gara din is-sustanza mit-tieqa biex jehles minnha u mid-dehra jew ma llandjatx tajjeb u qal lil dan il-passiggier lil Isaac biex jirrangahielu, biex jahbiha sew. Sa dan it-tant, Isaac Scerri bri u l-iehor bdew jitkellmu, '*qalli isma m'ghandi x'naqsam xejn jien, ma nafx x'tefa, qalli naf li tefa' xi haga u qalli biex ninzel u nirrangaha u daqshekk*'. Dan il-kliem intqal waqt li kienu hemm u waqt li nfurmaw lil ta' fuqhom u kienu qeghdin jaghmlu tfittxija fil-vettura u fuq il-persuni, jigifieri wara li tawhom id-drittijiet. In kontro-ezami spjega li '*Dan Adam Vella qal, wara li arrestajnieh, li kif ra lilna beza, qabad l-oggett, Adam Vella qed jghid lili waqt li qed inkellmuh on site, rema' dan l-oggett x'kien u peress li ma giex tajjeb, gieghel lill-passiggier li huwa Isaac Scerri biex jirrangah. Sa dan it-tant kif qeghdin hemm, kemm Isaac Schembri, qal iva tefa' xi haga mit-tieqa u qalli biex nirrangaha. U l-passiggier ta' wara kkonferma.*' Ix-xhud ma rahx jitfa din il-haga mit-tieqa, kien qieghed isuq dak il-hin. Kull ma ra kien lil Isaac Scerri minn fejn din l-area tal-haxix tiela' ghal gol-vettura. L-oggett ma rahx jintrema, kull ma

ra kien lil Isaac Scerri ser jidhol lura fil-vettura GAT 759, dik li ra u waqfu. L-oggett li ntrema fil-haxix rah wara li gabru l-kollega tieghu u cioe' kien hemm borza b'sustanza b'diversi boroz b'sustanza bajda fihom. Din kienet borza tal-plastic trasparenti. Il-borma ma fethuwiex dak il-hin. Go fiha kien hemm sustanza bajda fiha. Ikkonferma li borza b'diversi boroz ohrajn go fiha b'sutanza bajda. Din giet elevata minn PC 899 li zamma ghandu fil-prezenza tal-individwi sakemm giet handed over lid-Drug squad. Meta nghaddiet lid-Drug squad, kien prezenti. Dejjem baqa prezenti u ghaddiet f'idejn minn kien xoghol, is-Sur Micallef. Kien hemm is-Surgent, il-1183 jekk mhux sejjer zball. Spjega li t-tifel infaqa jibki, l-iehor Adam Vella qal li sabha kif kien qed jaghmel l-awrina x'imkien fejn tas-Soldini l-Marsa u sabha hemm hekk u zammha. Kif ra lilhom, dar u remieha. Ma jiftakarx kemm qallu li grat qabel izda ftit hin.

Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala xhieda liz-zewg passigiera. Isaac Scerri fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li ghandu sbatax (17)-il sena. Spjega li dakinhar filghodu kien il-mahzen tal-karnival, hu u Kyle Spganol u gie l-imputat u Kyle saqsa biex imorru jiehdu *toast* u marru jiehdu *toast* il-Handaq. Dan kien filghodu. Kyle lil Adam qallu jmorru jaraw il-karrijiet tal-karnival u nizlu is-ship building jaraw il-karrijiet u imbghad telqu. Marru bil-karozza ta' Adam. Spjega li '*Ghaddejna minn hdejn is-suwed il-Marsa u waqafna hemm hekk go dik il-bicca, rajt lil Adam igara xi haga mit-tieqa. Jien kont kwazi nofsi ghajjien mejjet kont u imbghad gew il-pulizija*'. Waqt li kienu fejn is-Ship Building jaraw il-karrijiet ma baqghux flimkien, jghid li hu kien qed idur ghax kien hemm kwazi ghoxrin (20) karru. Mistoqsi baqghux flimkien jghid li ma jifakarx bl-ezatt, li l-hin kollu jduru mal-karrijiet. Ma jiftakarx jekk baqghux flimkien hu, Kyle u Adam izda jahseb li flimkien kienu. Mistoqsi jekk lil Adam f'xi hin rawhx jigbor xi haga jghid li ma jafx, ma jiftakarx, ma ghandux idea. Ma ghandux idea x'rema. Ma qalilhom xejn. Xehed li wara li gew arrestati ma regax tkellem ma' Adam.

Il-passigier l-iehor Kyle Spagnol fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) spejga li kienu l-mahzen hu u Isaac fejn il-fabbrika tal-Coca, fejn is-

Soldini. Kellhom l-guh u qalu lil Adam iwassalhom jixtru x'jieklu u marru jieklu. Imbghad niezlu is-ship building u mbghad hargu u gew il-pulizija. Spjega li kienu marru jieklu bil-karozza ta' Adam u telghu fil-karozza mieghu u marru jixtru x'jieklu Hal Qormi u mbaghad marru is-ship building bil-karozza ta' Adam. Adam kien qieghed isuq. Is-ship building marru jaraw l-karrijiet ta' kontrihom. Jghid li hu u Isaac marru jaraw il-karrijiet u Adam ma jafx fejn mar. Riekbu fil-karozza u marru l-mahzen u huma u sejrin lejn il-mahzen gew il-Pulizija warahom. Kien hemm Adam u rema xi haga. Hu kien bil-qeghda wara fil-karozza u quddiem kien hemm Isaac. Adam rema xi haga mit-tieqa min-naha tal-passiggier. Mistoqsi jekk jafx x'rema wiegeb li ma jafx ghax kien mitluq. Li jaf li ra l-'*idejn sejra hekk*' u kkonferma li harget mit-tieqa l-ohra. Ma jafx x'wassal biex Adam iwaddab xi haga ghax kien mitluq jigifieri mitluq fuq is-seat ghax kien ghadu bin-nghas, ma kienx raqad. Jghid li imbghad hareg Isaac u ressaqha ghax qam imbghad u ressaqha. Spjega li lehaq rema Adam u imbghad hareg Isaac ressaqha mal-genb. Jghid li kien hemm xi borza, ma sarx diskors. Ma jafx ghala waqqaf il-karozza Adam. Jaf li gew il-Pulizija ghax sema is-sirena, kien mitluq u x'hin ra l-pulizija ma wiccu inhasad. Ma kienx ghadu induna li kien hemm il-Pulizija. Meta qam minn mindud, ra lil Isaac qam jigri u l-karozza tal-Pulizija gejja ghalihom minn warajhom. Lil Isaac rah jitfa xi haga mal-genb.

L-Ixjenzat Godwin Sammut fis-seduta tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkonkluda li fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad, irrizulta posittiv ghal kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 34.76 grammi u l-purita' kienet ta' circa 15% li hija normali. Huwa prezenta r-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. GS. L-Ispettur Gabriel Micallef fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed li fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien gie infurmat minn PC 899 u PC 626 li kienu stazzjonati l-RIU li kienu ghadhom kif waqqfu vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni GAD 759 li go fiha kien hemm tlieta min-nies, certu Adam Vella, Isaac Scerri u Kyle Spagnol wara li dawn nnutawhom jarmu xi haga fil-haxix u meta gabruha ssuspettaw li setghet kienet droga. Bghatu ghal

assistenza sabiex jigu arrestati t-tlieta li huma, gabuhom l-ufficju tieghu li kellu d-depot il-Furjana. Kien ha stqarrija tat-tlieta li huma. Xehed li l-verzjonijiet ta' Isaac u Kyle kienu jaqblu perfettament fuq dak li kien gara. Ha stqarrija wkoll lil Adam wara li kkonsulta ma' Dr Veronique Dalli minn fuq it-telefon fejn kien spjegalu l-istess verzjoni li kienu tawh Isaac u Kyle bid-differenza li kien qallu li s-sustanza li kien rema kien sabha wara travu taht it-tinda tax-ship building x'hin mar biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu hemm hekk, raha mal-art u gabarha. Ghalkemm ssuspetta u haseb li kienet droga xorta gabarha. Kif ra lil Puliziaj qed isuqu warajh, beza u qal lil passiggier li kien magenbu biex jarmieha. Dan baqa' jhares lejn u mid-dehra beza u b'hekk tafaha hu minn got-tieqa tan-naha tal-passiggier. Jigifieri Adam stess remieha minn got-tieqa tal-passiggier, ra li ma gietx mohbija sew fil-haxix u qal lil passiggier ta' ma gembu sabiex jinzel jirrangaha u kien dak il-hin li waqqfuhom il-Pulizija. L-istqarrija giet esebita bhala Dok GM. Gew esebiti s-sustanza bajdanija f'seba' (7) boroz bhala Dok GM1.

Fl-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-akkuzat spjega li '*dalghodu inzilt il- mahzen tal- karnival, u sibt lil dak iz- zewg guvintur, kienu ghamlu il- lejl hemm jahdmu. Jien qbadt nahdem fuq il- karru ghax kont qed nghaddilu id- dawl, u sakemm qed nahdmu qabadna l- guh u morna sal-Handaq niehdu toast. Wara inzilna it- tinda tax- ship building, ghax l- ohrajn riedu jaraw il- karrijiet ta min ser jikkompeti kontrina, u hin minnhom jien illargajt sabiex immur naghmel l- awrina, u mort ma travu tat- tinda u rajt dik il- borza hemmhekk wara t travu u gbartha. Tfajtha fil- karozza minghajr ma ghidt xejn lilhom u x' hin konnha ghaddejjin minn hdejn it- tiger bar biex naraw il-karrijiet l- ohra, u hekk kif gbidt ghal hdejn il- Millenia rajt il-karozza tal- Pulizija warajja u qbadt il- borza u ghidt lil Isaac biex jarmija. Dak baqa jhares lejja, u qbadt u armejta jien minn got tieqa tan naha tal- passiggier. Imbaghad gew il- Pulizija u waqfuna.*' Mistoqsi jekk il-borza jaf x'fiha wiegeb '*kont naf x' fijha, minix tifel zghir, imma ma kontx naf ezatt x' fijha*'. Jahseb li kokajina fiha. Ikkonferma li mill-ewwel issuspetta li fiha kokaina jghid li '*Iva hekk ksibt, avolja ma kontx cert, dak l-ewwel hsieb li gieni f' mohhi*'. Huwa cahad li juza l-kokaina, qal li darba biss kien ghadu zghir hafna ta' xi sittax (16). Mistoqsi ghala remiha meta ra lil Pulizija

wiegeb li tfixkel hux, kien jaf li xi haga hazina. Mistoqsi jekk kien jaf li xi haga hazina ghaliex gabarha, wiegeb li ma jafx u ma jafx x'kien behsiebu jaghmel biha. Qatt ma bieh droga. Jahdem ma sprayer tal-karozzi. Il-borza kienet got-tinda fejn ghamlu il-eurovision, fejn bhalissa hemm il-karrijiet, fil-parti l-vojta fejn ma hemm xejn. Mistoqsi jekk hemm passagg wiegeb li iva hemm dahla minn fejn jidhlu in-nies. Mistoqsi '*Nghid sewwa li mid dahla tat- tinda minn fejn jidhlu in- nies, ghal fejn hemm l-karrijiet ma hemmx ghalfejn tghaddi ghalfejn int qed tghid li sibt il- borza?*' wiegeb '*Le m*' *hemmx ghalfejn.*' U mistoqsi '*nghid sew li biex tohrog minn hdejn il-karrijet ghalfejn hemm mil- hrug ma hemmx ghalfejn tghaddi minn fejn int qed tghid li sibt il- borza?*' wiegeb li le ma hemmx ghalfejn. Cahad li mess il-boroz izda mess biss il-borza ta' barra meta gabarha. Huwa cahad li ghandu problemi finanzjarji, u qal li jahdem normali. Minkejja li din l-istqarrija ittiehdet fi zmien meta l-ligi ma kinitx taghti ghal jedd lil suspettati sabiex ikollhom Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija, l-ammissibilita' ta' din il-prova ma gietx ikkontestata mill-akkuzat u ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisha bhala ammissibbli.

L-imputat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxata minnu. Jghid li jahseb li l-pulizija gew warajh fis-siegha (1:00pm) jew siegha u nofs (1:30pm). Dakinhar stess ittiehdet l-istqarrija. Spjega li l-istint tieghu kien li jigbor il-borza, li lanqas immagina. Il-borza kienet maghluqa. Iz-zewg guvintur ma kienux mieghu dak il-hin, jghid li tinfered meta qed tara karru, kien hemm diversi karrijiet. Ikun hemm hafna nies dak iz-zmien tal-karnival. Spjega li '*Kien hemm it- toilet flooded bl- ilma u ma stajtx nidhol ghax hemm hekk hemm il- letrini. Mort u twarrabt ftit minn quddiem in- nies ghax mhux ser taghmel l- awrina quddiem in- nies u kif dhalt wara l- Hadid, kien hemm dik il-borza. Gbartha u tfajtha fil- but.*' Tefaha '*Kelli flok bil- pocket hawn hekk. U daqshekk hux. Ghamilt toilet. Imbghad komplejt mort nara l- karrijiet, tfajtha fil- karozza..*' Jghid li qatt ma gratlu li jigu pulizija warajh, jghid li gieli qala ticket fuq seatbelt jew hekk izda qatt ma gratlu bicca xoghol hekk li jkun hemm il-pulizija li jigu jigru warajh. Dak il-hin ma staqsiehomx ghaliex gew warajh. Mistoqsi '*Fejn kien hemm il- karrijiet wara, qatt kellmek xi hadd?*

*Jghidlek isma irrangajtni hemm, kelli dik il- borza*', wiegeb li le qatt ma qalulu xejn ghal hekk. Huwa qatt ma abbuza mill-kokaina izda kien pruvaha darba meta kien tifel zghir u kien jaghmilha '*ma nies hziena*'. Dak iz-zmien kellu sittax (16)-il sena u kienu ghamlulu '*line cocaine*'. Mistoqsi ghaliex gabarha wiegeb '*Vera ma nafx. L- istint qalli igborha u gbartha. Bl- ebda hsieb. Qatt m'ghaddieli hsieb minn mohhi ta' xi bejgh jew nehodha jien. Xejn. Qatt. Lanqas biss nimmaginaha*'. Jghid li llum jahdem ghal rasu jaghmel xoghol ta' maintenance, hu u habib tieghu. Huwa gharus b'zewgt'itfal u jghixu flimkien. It-tfal ghandhom tlettax (13) u tnax (12)-il sena. Mistoqsi dwar il-kondotta dwar xi hsara u sewqan bla licenzja u mistoqsi jekk minn dakinhar qatt mess difru wiegeb li qala zewg tickets fuq is-seat belt u forsi tinted u l-bqija qatt ma kellu problemi ta' xejn. In kontro-ezami xehed li darba mess droga meta kellu sittax (16)-il sena u llum ghandu hamsa u tletin (35). Huwa dak iz-zmien ma kienx jabbuza mid-droga u lil pulizija qalilhom li mhux tifel zghir, jghid li '*Illum anke tifel ta' 7 snin jaf x'inhi. Illum fuq youtube, kulhadd jaf x'inhi. M'ghandhomx affarijiet tal- mohbi. Kulhadd jaf x'inhuma*'. Jghid li '*jien just biex nghidlu jigifieri li naf x'fiha. Mhux ser nghidlu ma nafx x'fiha hux*'. Mistoqsi f'liema punt kien jaf x'fiha dik il-borza wiegeb '*Hsibt x'inhi. Il-borza qas biss ftahtha jien. Jigifieri ma nafx x'fiha ezatt*'. Jghid li '*Dak il- hin rajtha mal- art u l -istint taghni li nigborha u jiena gbartha*'. Jghid li hasibha coke dak il-hin. Ikkonferma li kien jaf li qed jigbor il-coke u li hu ma jabbuzax mill-coke. Mistoqsi ghalfejn hass li kellu jiehodha mieghu la ma jabbuzax, wiegeb li '*L-istint dak il- hin hekk taghni, taghni li nigborha. Ghadni sa llum il- gurnata ma nafx x'kont naghmel biha jew ghal xiex gbartha*'. Jghid li ghadu sal-lum il-gurnata lanqas jaf ghal xiex gabarha. Mistoqsi l-istint x'qallu x'kien behsiebu jaghmel, jghid li ma jafx, sal-lum ghadu ma jafx. Hu tefaha fil-but u daqshekk. Lanqas hsieb ma kellu x'ser jaghmel. Huwa ramiha x'hin gew jigru warajh il-Pulizija. Din gabha minn gos-ship building jigifieri kien hemm forsi hames (5) jew ghaxar (10) minuti sa fejn waqfuh il-Pulizija. Misoqsi f'dawk il-hames (5) jew ghaxar (10) minuti x'beda jahseb li ser jaghmel biha d-droga wiegeb li '*Lanqas biss hsibt fiha. Ghax jien fiz- zmien tal- carnival, inkunu iffissati fuq il- karnival biex inlestu l- karru biss. Kien ghad fadal biss jumejn biex nohorgu l- karru minn*

*gol-mahzen u daqshekk*'. Dak iz-zmien kien jahdem ma' sprayer tal-karozzi, ma Neville Zammit St. Venera. Issuggeriet lilu li kien sejjer x'imkien biha d-droga biex jaghtiha lil xi hadd cahad, jghid li l-mahzen tal-karnival kien sejjer. Id-droga ma kien sejjer jaghtiha lil hadd. Ghalih zgur ma kinitx u lanqas ghal haddiehor. L-istint fl-ebda hin ma qallu biex jiehodha hu. Jghid li '*jien l- istint tieghi ma qalli biex naghmel hekk. Jien dak il- hin tfajthom fil- but u daqshekk. Swiccja mohhi fuq affarijiet ohra*'. Rega kkonferma li ghalih id-droga ma kinitx. In ri-ezami jghid li kienu hadulu fingerprints kif niezel isfel u li offra li jaghtihom. Hadd ma qallu jekk il-boroz jew ta' barra almenu ghamlux ezami fuqhom biex jaraw jekk il-finger prints jaqblux ma tieghu. Kemm ezaminaw il-piz u l-bqija ma qalulu xejn iktar.

Ghalhekk jirrizulta li d-difiza principali tal-appellant kienet li huwa sab din il-borza b'numru ta' boroz fiha li kienu jikkontjenu d-droga kokaina u l-istint tah li jitfahha fil-but. Jinsisti li din ma kinitx ghall-uzu tieghu izda lanqas biex ibieghha. Jghid li ghadu s'issa ma jafx ghala gabarha. L-appellant fl-appell tieghu jissottometti li huwa inverosimili li l-karozza tal-pulziija waqghet mis-sema filghodu u qabdet tintercetta l-vettura misjuqa mill-appellant, jallega li xi hadd kien heba din id-droga, li ntebah li din ingabret mill-appellant u gharraf lil Pulizija tad-Drug Squad. Din l-allegazzjoni ma giet ippruvata bl-ebda mod. Meta xehed PC 626 Giancarlo Bennetti spjega li meta ghaddiet il-vettura bil-kontra, il-kollega tieghu qallu biex idawwar ghax ma ghogbuh xejn. Id-difiza ma staqsietx lil Pulizija x'kien dak li ghorkilhom ghajnejhom u li geghlhom isegwu l-vettura misjuqa mill-akkuzat minkejja li d-difiza kellha kull opportunita' biex tistaqsi dan. Din il-Qorti temfasizza li trid tiddeciedi fuq il-provi mressqa u mhux fuq suppozizzjonijiet li ma jirrizultawx mill-atti.

L-appellant mhuwiex jikkontesta l-pussess semplici ta' din id-droga, dak li huwa jikkontesta huwa l-pussess aggravat. Jemfasizza li l-element rikjest sabiex jigi pruvat il-pussess aggravat f'dan il-kaz ma jezistix. Jemfasizza li huwa qatt ma kellu u lanqas seta' jkollu xi intenzjoni li jispacca dik id-droga u dan ghaliex minkejja li gabar dawn il-

boroz, il-*forma mentis* tieghu waqfet hemm u ma' kellu ebda hsieb iehor. Din il-Qorti tqis li sabiex jigi pruvat il-pussess aggravat, dan irid jirrizulta mic-cirkostanzi. Cirkostanzi fosthom l-ammont misjub, il-mod ta' kif id-droga kienet maqsuma, il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaghmel uzu mid-droga o meno, jekk instabux oggetti komunament uzati ghall-uzu jew ghall-ispacc tad-droga fost cirkostanzi ohra.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li anke l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet referenza ghaliha u cioe' dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija kontra Jason Mallia'**[9] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

'2. *Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur "kellu l-animus li jispacca d-droga". Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe' li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha.*

*3. Hu hija propju din l-istampa li temergi mill-provi. Kuntrarjament ghal dak li jallega r-rikorrent fir-rikors tieghu, ma nstabux tracci ta' erojina fil-pipi u fis-siringi, tracci li kienu se mai jistghu jindikaw abbuz ta' erojina da parti tal-appellant. Mir-rapport ta' Dott. Anthony Abela Medici (fol. 8 tal-atti tal-proces-verbal, a fol. 49 tal-attijiet tal-istruttorja) jirrisulta li fis-siringi (Dokti. 95BPP08-1 u 95BPP08-2) ma nstabux tracci ta' erojina; mentri fiz-zewg pipi*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru, 1999 (Appell numru: 130/99)

*(Dokti. 95BPP05 u 95BPP06) u fil-kontenitur tal-plastik b'pipa mwahhla mieghu (Dok. 95BPP01) instabu tracci ta' cannabis, mhux ta' erojina. Ma hemm ghalhekk ebda prova jew imqar xi indizju li l-appellant kien jabbuza mid-droga erojina. Fl-istqarrija li l-appellant ghamel lill-pulizija (fol. 29) u li hi l-unika dikjarazzjoni ta' l-appellant f'dawn il-proceduri (peress li hu ghazel li ma jixhedx), hu jghid li ma juzax droga. Hu jghid li l-qratas sabhom fil-karozza tieghu li kienet tinsab wieqfa quddiem id-dar tieghu, li hu ma kienx jaf min poggihom hemmhekk, u li hu kien zamm dawk il-qratas fil-kompartiment tal-batterija ta' speci ta' "bozza" (li tixghel bil-batteriji) sabiex jitkixxef ta' min huma. Mill-kumpless ta' dawn il-provi din il-Qorti hi sodisfatta, bhalma certament kienet l-ewwel qorti, li l-appellant kien jaf x'kien il-kontenut tal-qratas; u li fl-assenza ta' xi indikazzjoni li l-appellant kien jabbuza, jew kien bi hsiebu jibda jabbuza, mid-droga erojina, dik id-droga ma tistax tinghad li kienet ghall-uzu -- wisq anqas ghall-uzu esklussiv -- tal-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, l-ewwel qorti kienet perfettament intitolata li tasal ghall-konkluzzjoni li l-pussess ta' din l-erojina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, cioe' tal-appellant.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Jesmond J. Borg Vs Lawrence Fabri'**[10] gie kkunsidrat li:

*'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq* ***"possession with intent to supply"****, bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il- pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2017 (Appell numru: 243/2016)

*iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta'l- ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia li din il-Qorti ser taghmel referenza ghaliha meta hemm imghallem superjorment:*

***"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill- Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d- droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall- uzu esklussiv taghha[11]"***

*Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

- *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
- *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
- *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
- *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small*

[11] 02/09/1999 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta (3) tas-sentenza citata)

*portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*

- *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*

- *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*

- *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*

- *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*

- *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.*[12]*"*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances****."*

*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil- pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha*

[12] www.cps.gov.uk (Din ir-referenza tinsab fir-raba' (4) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata.)

*tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil- Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.*

*Maghmula allura dawn il-kondsiderazzjonijiet ta' dritt huwa bil-wisq evidenti li l-interpretazzjoni li l-appellanti qed jintenta jaghti lir-reat addebitat lilu ma huwiex wiehed ghal kollox korrett billi qed jistrieh iktar fuq id-definizzjoni moghtija fid-dritt ingliz iktar milli dak lokali fejn il-ligi mkien ma' tindika illi l-pussess irid ikun wiehed "with intent to supply" izda wiehed li "mhux ghall-uzu esklussiv tal-hati" distinzjoni sottili hafna li madanakollu ma igorrx mieghu l-piz iebes li hemm fuq il-prosekutur brittaniku kuntrarjament ghal prosekutur malti. Kwindi anke dan l- aggravvju qed jigi rigettat.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Neville Aquilina) vs Brian Caruana'</u>**[13] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-insenjament li ghalih ghamel riferenza l-appellant fis-sentenzi citati fir-rikors tieghu , ghandhu indubbjament il-portata tieghu , izda kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi . Kollox jiddependi mill-assjem tal- provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il- gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli .'*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Mejju, 2002 (Appell numru: 167/2001 JGD)

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) vs. Dominic Ceci'**[14] fejn gie kkunsidrat:

*'Illi il-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata biex fuqha sabet htija tat-tieni nimputazzjoni li dwarha hemm kontestazzjoni biss ghar-rigward tal-kwalifika li l-pussess tal-eroina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal- appellant - ghax fuq il-pussess semplici ma hemmx kontestazzjoni - kienet is-segwenti :-*

*(a)l-ammont ta' eroina misjuba;*

*(b)l-inattendibilita' tal-ispjegazzjoni li ta l-appellant dwar kif u fejn sab id-droga;*

*(c)li l-imputat kien juza 'smoke' biss u li kien waqaf minn dan sena qabel;*

*(d)li ebda prova ma ngabet li l-appellant kien juza droga;*

*(e)li anki kieku ngabet tali prova dan ma jfissirx li l- appellant ma jkunx hati ta' pussess aggravat; u*

*(f) li l-ammont misjub b' ebda mod ma kien gustifikat ta' l- inqas fuq bazi ta' probabbilita'.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi wiehed milll-aggravji tal-appellant hu li l-fatt li l- appellant deher inaffiddabbli ghall-ewwel Qorti ma kellhiex tkun prova li d-droga li kellu l-appellant ma kienetx ghall- uzu esklussiv tieghu. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl- Appell Kriminali :* ***"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"*** *[23.5.2002], "din is-sottomissjoni kienet tkun sa certu punt korretta kieku l-Ewwel Qorti bbazat biss il- konsiderazzjonijiet taghha fuq l-innattendibilita' tal- versjonijiet differenti w improbabbli moghtija mill-appellant. Imma "in all fairness" ghall-ewwel Qorti, l-argument tal- inattendibilita' ma ingabx fil-kuntest ta' prova mill-Ewwel Qorti imma fil-kuntest li wassal lill-Qorti biex tiskarta id- diversi spjegazzjonijiet li ta' ghall-akkwist tad-droga u dana b'mod li giet imminata il-kredibilita' tieghu meta sostna li d-droga kienet ghall-uzu tieghu personali. L-*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Awissu, 2007 (Appell Kriminali Numru: 198/2007)

*Ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant hu hati ghax ma kienetx qed temmnu. Qalet invece li hemm cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghall-konkluzzjoni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu u li cahda ta' dan mill- appellant ma kienetx attendibbli w ergo ma kienetx qed tatiha il-piz li xtaq li tinghatha l-appellant bhala prova. Dan hu argument divers minn dak kif interpretat mill-appellant fl-aggravji tieghu fir-rikors tal-appell . Anki hawn din il- Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-ragunament tal-Ewwel Qorti."*

*F' dan il-kaz pero' l-Ewwel Qorti semmiet in-nuqqas ta' attendibilita' tal-appellant fir-rigward ta' kif gie fil-pussess tad-droga bhala wahda mil-provi tal-htija tieghu ta' pussess aggravat u mhux bhala argument ghala ma kienetx qed temmnu fic-cahda tieghu li ma kienx ibiegh droga. F' dan is-sens dan il-kap ta' motivazzjoni wahdu hu monk u ma jistax wahdu jwassal ghall-sejbien ta' htija ta' pussess aggravat u s' hawn l-appellant ghandu ragun.*

*Pero' dwar l-aggravju l-iehor tal-appellant li ma rrizultawx cirkostanzi tali li juru li d-droga misjuba ma kienetx ghall- uzu personali tal-appellant, din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha ma tarax li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward kienet wahda "unsafe and unsatisfactory" u fuq dan l- apprezzament ta' fatt din il-Qorti ma tarx li ghandha ghalfejn tiddisturba l-gudizzju tal-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti gustament qalet li l-ammont tad-droga misjub ma kienx wiehed zghir u addirittura minnu setghu johorgu xi tletin qartas u li jekk kien veru li l-appellant ma juzax eroina, kif qal fl-istqarrija tieghu, ma kienx jaghmel sens il- pussess ta' tali ammont ta' droga eroina ghandu, jekk mhux ghax kien behsiebu jispaccjah.*

*Umbaghad kif gie ritenut fl-Appell Kriminali ta'* ***Brian Caruana*** *appena hawn fuq citat, "kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill- gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall- uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi . Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il- gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il- Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

*F'dal kaz din il-Qorti ma ghandhiex xi "lurking doubt" li saret ingustizzja mall-appellant bil-konkluzzjoni ta' htija raggunta mill-Ewwel Qorti u din il-Qorti thoss li, fuq il-fatti li rrizultawlha, l-Ewwel Qorti, din setghet tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha li d-droga li nstabet fil- pussess tal-appellant instabet f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu kif mahsub fl-art. 22 (2) (b) (i) tal-Kap.101.'*

Ikkunisdrat ulterjorament;

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkunsidrat li:

*'Dak li l-Qorti jeħtieġ li tikkunsidra u tiddeċiedi dwaru għalhekk huwa jekk jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mil-liġi illi l-pussess tad-droga da parti tal-imputat kien wieħed aggravat ossia illi tali pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Jibda biex jingħad illi fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni tal-imputat m'hijiex kredibbli u dan għal diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma temminx illi l-imputat sab din id- droga b'kumbinazzjoni waqt li kien qed jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. L-imputat irid lill- Qorti temmen illi huwa sab, mhux qartas jew tnejn bil-kokaina, iżda addirittura sebat iqratas b'piż ta' kważi 35 grammi - ammont ta' droga dan li ċertament jiswa kemxa flus sew. Apparti illi m'huwiex verosimili illi wieħed isib id-droga f'dawk l- ammonti mal-art b'kumbinazzjoni, huwa wkoll tassew inverosimili illi min ma jagħmilx użu mid-droga u m'għandu assolutament l-ebda interess fiha – kif skont l- imputat kien il-każ tiegħu - jinduna mill-ewwel illi din il-borża tikkontjeni droga kokaina, jiġborha minnufih u jitfagħha fil-but, mingħajr l-ebda ħsieb u raġuni u fuq kollox, mingħajr ebda kunsiderazzjoni dwar possibiliment x'seta' jagħmel biha. Ironikament minkejja li l-imputat tant isostni illi kien l-istint tiegħu li bħal ġegħlu jiġbor din il-borża, li għamel dan mingħajr l-ebda ħsieb u li immedjatament bħal nesa dwarha għax kien moħħu fil-karru tal-karnival li kellhom joħorġu jumejn wara, ftit tal-ħin wara li skont hu ġabar din il-borża, meta lemaħ lill-pulizija, l-ewwel ħaġa li għamel kien illi żied fil-veloċita` u rema l-borża in kwistjoni. Għalhekk altru milli l-imputat ma tax każ tal-fatt illi fil-pussess tiegħu kellu d-droga, kif jipprova jagħti l-impressjoni fix-xhieda tiegħu.*

*Dak li jirriżulta minflok huwa illi l-imputat kien qed jiġri barra fil-pussess ta' sebat iqratas kontenenti kważi 35 gramma bis-sustanza kokaina, ammont dan li mhuwiex normalment*

*assoċjat ma' użu personali ta' droga, liema qratas in oltre kellhom piż kważi identiku u kienu evidentement lesti sabiex jiġu spaċċjati. Da parti tiegħu, imbagħad, l-imputat insista fuq li nsista li huwa ma kienx jagħmel użu mid-droga, li jfisser għalhekk illi din id-droga ċertament li ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu.'*

Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiddisturba fl-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti. Minkejja li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi rigwardanti fingerprints fuq il-borza ta' barra u lanqas ta' gewwa filwaqt li lanqas ma jirrizulta li saret tfittxija fir-residenza tal-appellant u ma tressqet l-ebda prova li nstabu xi oggetti ohra relatati mal-ispacc tad-droga, il-Prosekuzzjoni xorta irnexxielha tipprova li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li r-ragunament tal-Ewwel Qorti kien wiehed pjuttost pro-prosekuzzjoni. L-Ewwel Qorti ddeciediet fuq il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. L-appellant insista li din id-droga ma kinitx ghall-uzu tieghu izda fl-istess waqt l-istint tieghu tah biex jigbor din il-borza li kien irrealizza li fiha l-kokaina u skontu dan minghajr ma kien jaf ser jaghmel biha. Jinsisti li ma kellux hsieb li jbieha. Jirrizulta izda li hekk kif l-appellant intebah bil-Pulizija huwa ddecieda li jarmi din id-droga l-barra mit-tieqa u dan ma kienx bizzejjed, minn dak li xehed PC 626 Giancarrlo Bennetti, l-appellant kien qal lil passiggier ta' quddiem u cioe' lil Isaac Scerri sabiex jinzel mill-karozza biex jirrangaha.

Din il-Qorti tqis li jekk l-appellant ma kienx jabbuza mid-droga kif wara kollox stqarr huwa stess, u anke jekk kellu jitwemmen li din il-borza li kienet tikkontjeni seba' (7) boroz bid-droga kokaina verament saba mal-art, jekk huwa me kellux hsieb li juzaha ghalih innifsu, ma kien hemm l-ebda raguni ghala kellu jigborha, dan aktar u aktar meta l-appellant stess jammetti li kien irrealizza li din kien fiha d-droga. In oltre,' jekk verament sab id-droga u ma kienx jaf x'ser jaghmel biha, li ma kellux l-intenzjoni li jikkonsmaha hu u lanqas li jbiehha, x'kienet ir-raguni li meta ra lil Pulizija mhux biss waddaba barra mit-tieqa izda anke kellu jinzel il-passigier ta' quddiem biex jirrangaha? Jekk verament ma kellu l-ebda konnessjoni ma din id-droga, ma kien ikollu l-ebda

interess li jara li l-borza tkun mohbija sew. Din il-Qorti ghalhekk ma tqis il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti bhala 'unsafe and unsatisfactory' u ghalhekk mhijiex sejra tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmulha minnha. Din il-Qorti qieghda ghalhekk tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat;

Dan it-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jissottometti li dan il-kaz sehh aktar minn erba' (4) snin ilu. Jissottometti li ftit li xejn qatt kellu affarijiet serji mal-gustizzja u l-akkuzi li nstab hati taghhom fl-imghoddi kienu aktar tal-blugha milli b'agir reituz. Jissottometti li llum jahdem u ghandu minn jiddependi fuqu u minnu ghall-ghixien. Jissottometti li l-minimu ta' piena ghal din it-tip ta' akkuza huwa ta' sitt (6) xhur prigunerija u ghalkemm dan l-ammont ta' habs ukoll ikisser hajjet l-appellanti, wiehed ghandu jikkunsidrah. Jissottometti li s-socjeta' ma hija ser tigwadanja xejn jekk l-appellant imur il-habs. Jissottometti li llum jinsab kompletament fit-triq it-tajba u li ghalhekk ghandu jinghata opportunita' ohra.

L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). Il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri u cioe' tax-xjenzat Godwin Sammut.

Din il-Qorti tqis li piena karcerarja hija mandatarja f'kaz ta' htija tal-imputazzjoni in mertu, liema piena ma tistax' tkun anqas minn sitt (6) xhur prigunerija kif ukoll multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87). F'dan il-kaz jirrizulta li instabu seba' boroz li kien jikkontjenu d-droga kokaina b'piz li jvarja bejn 4.91 sa 5.04g kull borza skond ir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut. Il-piz totali skont dan ir-rapport kien dak ta' 34.76 grammi u purita ta' cirka 15%. Il-piz ghalhekk mhuwiex wiehed insinifikanti.

Mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li l-unici kundanni li nghataw fil-

konfront tal-appellant gew decizi fis-sena elfejn u hamsa (2005) dwar reat li sehh fl-elfejn u erbgha (2004) u decizjoni moghtija fis-sena elfejn u sitta (2006) dwar reati li sehhew fl-istess sena u cioe' l-elfejn u sitta (2006). Dawn il-kundanni kienu jirrigwardaw sewqan minghajr polza ta' sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni, kif ukoll reat ta' serq u hsara volontarja. Jirrizulta izda li ma kien hemm l-ebda kundanna ohra wara dik misjuba fl-elfejn u sitta (2006). Jirrizulta ukoll li r-reat mertu ta' dawn il-proceduri imur lura ghal madwar hames (5) snin. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, filwaqt li din il-Qorti tqis ir-reat li tieghu l-appellant qieghed jinstab hati bhala wiehed serju u ta' minacca ghas-socjeta', din il-Qorti tqis li filwaqt li ma ghandhiex tvarja l-multa imposta mill-Ewwel Qorti, izda in vista tal-fedina penali aggornata tal-akkuzat fejn ma jirrizultax li l-appellant rega xellef diefru mal-gustizzja minn meta sehh dan ir-reat, sejra tnaqqas il-piena ta' prigunerija inflitta u dan minn ghaxar (10) xhur ghal seba' (7) xhur. Din il-Qorti sejra tikkonferma ukoll l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tal-espert Godwin Sammut.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell billi filwaqt li tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti kif ukoll il-multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100) bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum u f'kaz li jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi, tirrevoka fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija u minflokk tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija effettivi.

Din il-Qorti tikkonferma fejn il-Qorti *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lil appellant ihallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura f'dawn il-procceduri u cioe' l-ispejjez relatati mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€165.20), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien xahar mil-lum.

Din il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. GM1 u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax (15) il-jum minn tali distruzzjoni.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef